# Misturha



Joseph Abela

Fl-1939 saru numru ta' sejbiet arkeoloġiki madwar Malta inkluża l-Isla. Fost dawn is-sejbiet insibu li fil-5 t'April ta' l-istess sena f'Ħal Far xi ħaddiema waqt il-ħidma tagħhom u b' koinċidenza sabu qabar antik bil-fdalijiet fraġli ta' raġel xwejjaħ flimkien ma' xogħol tal-fuħħar, żewġt fanali ta' daqs medju u amfora. L-għada meta kienu qiegħdin jitħaffru xi trinek fi Triq il-Korsa ġewwa l-Marsa tfaċċaw fdalijiet ta' struttura ta' l-epoka Rumana bi kwantità ta' ċaqquf ta' stil Ruman u li kienu lokalizzati kważi 10 piedi jew 3 metri l-isfel mill-livell tat-triq. Fid-29 ta' Mejju 1939 fil-Gudja fil-lok magħruf bħala Il-Ġiardina ta' Karmusa madwar 70 jarda jew 63 metri fid-direzzjoni tas-sud mill-knisja parrokjali tar-raħal qabar pekuljari ġie skopert u rriżulta li kien wieħed tal-Feniċi.



Il-kolonna tas-sotterran



Parti minn maduma tal-villa



Mostra tad-disinn tal-madum

F'Mejju 1939 tfaċċaw xi kmamar u arkovi maqtugħin fil-blat fil-post numru 18 Vicolo Giardino, illum Triq il-Ponta. Fl-antik din it-trejqa kienet magħrufa bħala Sqaq il-Bajd għaliex jingħad li kienu jittrabbew it-tiġieġ u jinbiegħ il-bajd. Il-post kien jagħti għas-sur viċin il-Bwejba u l-imħażen tal-kurdara tat-tarzna. Ta' min jinnota illi għadha tidher il-parti ta' fuq ta' l-imsemmiha bwejba li maż-żmien kienet imbarrata għaliex spiċċa l-użu tagħha kif ukoll it-tibdil fil-livell ta' quddiemha. Fi kliem ieħor dan is-sit skavat huwa propju taħt fejn jinstab il-każin tal-banda. Inizjalment l-analiżi u sussegwentament il-konklużżjoni dwar is-sejba kienet waħda żbaljata għaliex l-iskoperta ġiet datata bħala waħda li kienet ta' żmien ir-Rumani jew madwar 850 sena lura fl-istorja. Għaldaqstant dan il-kumpless ġie deskritt bħala tempju Rumanesk u katakombi. L-entużjażmu esaġerat ta' l-arkeoloġista li skopra din is-sejba setgħa kien il-kawża li wasslitu għal dan l-anakroniżmu, u għaldaqstant l-awtoritajiet governattivi permezz tad-Dipartiment tal-Mużewijiet ħarġu komunikat dwar is-sejba biex jilluminaw lill-pubbliku inġenerali.

Naturalment ir-residenti Sengleani espremew ferħ u entusjażmu rigward l-iskoperta li għal xi żmien kienet it-topik tal-ġurnata. Il-ġurnali kemm dawk mitbugħa bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż taw spazju lil dan l-avveniment, iżda l-ewwel ma deher kien artiklu tal-kixxief li kif riferut aktar 'l fuq ta informazzjoni mhux konċiża. B' riżultat t'hekk u biex il-popolin ikun istruwit dwar il-kxif tas-sotterran id-Dipartiment tal-Mużewijiet organizza wirja temporanja permezz ta' ritratti, kampjuni tal-mattunelli kif ukoll xi fdalijiet tal-fuħħar tas-seklu tmintax li tqiegħedu fil-kantini aktar tard. Il-wirja saret fil-Mużew Nazzjonali fil-Belt matul il-ħinijiet ta' l-uffiċju.

Ir-rapport maħruġ mid-Dipartiment tal-Mużewijiet iddeskriva s-sit fl-istat ta' meta kien skopert kif ukoll tniżżlu l-qisien prinċipali biex ġew irreġistrati fir-rapport anwali tal-mużewijiet għall-istess sena. Is-sotterran irriżulta li kien xogħol tas-seklu sittax propju fiż-żmien meta l-Ordni ta' San Ġwann beda' jopera f'Malta sa mill-1530. Il-kumpless jikkonsisti f'numru t'arkovi u kmajriet imħaffrin fil-



F'A-B u C-D tidher il-kolonna
L-M jidher l-aċċess imblukkat



Il-pjanti tas-sotterran

blat u aċċessibli għal xulxin li flimkien jiffurmaw il-kantini ta' dar kbira li kienet mibnija fuqhom. Is-sotterran huwa magħmul minn kamra kbira f'għamla rettangulari u f'tarf minnhom kolonna goffa u tonda tappoġġha s-saqaf, u f'naħha tal-kamra hemm bokka li tagħti għal tlett kmajriet li oriġinalment kienu tnejn. Lejn il-lemin tħaffret bokka oħra li tinfed għal kamra rettangulari u li maż-żmien inbidlet f'ġiebja; ftit passi ' l bogħod instabu l-fdalijiet ta' ċumnija tas-shana u oħra li permezz tagħha titfa' d-duħħan għal barra. Fid-direzzjoni opposta toqba ġewwa l-blat twassal lejn ġiebja oħra mħaffra f-forma ta' fossa tal-qamħ bid-daħla prinċipali tagħha tinsab barra.

Il-bniedem fin-natura tiegħu dejjem ta każ biex iżejjen il-postijiet fejn jabita u kull epoka kellha l-istil partikolari tagħha; notevoli huma dawk il-ftit djar antiki li baqa' ġewwa beltna mibnija fuq stil barokk li juru ċertu . guffaġni jew bombastikita fis-sura u fid-disinn. L-istil barokk kemm fl-arkitettura, skultura, pittura, għamara u anke mużika kien moda u komuni ħafna fl-Ewropa u f'Malta bejn is-seklu sittax u nofs is-seklu tmintax, u kien ta' ispirazzjoni u influenza għad-disin modern. Ir-rococo li huwa stil aktar leġġer li beda' dieħel wara l-barokk u ta' min isemmi li l-belt kapitali tagħna hija klassifikata bħala belt barokka. Dan is-sotterran ma' kienx eċċeżżjoni u d-disinni taw indikazzjoni ċara ta' meta tħaffru l-kmamar. Id-dekorazzjonijiet intgħamlu f'ringieli ta' figuri ta' forma ta' romblu bl-anguli oblikwi bejn wieħed u ieħor ta' daqs ta' 5 π pulzieri jew 13 il-ċentimetru kwadri. Aktar kmieni id-dekorazzjonijiet kellhom mattunelli jew madum żmalt bil-lostru, wħud minnhom kellhom disinn ikħal, kulur popolari wkoll għad-dekorazzjoni fil-pajjiżi ta' l-orjent. Maż-żmien meta l-kmamar ma' kienux aktar abitati xi ħadd neħħa numru ta' mattunelli minn posthom u mill-laqx li nstab fl-art l-arkeoloġisti ikkonkludew illi kienu tneħħew ftit qabel l-1939. Il-mattunelli kienu popolari ħafna sa mis-seklu sittax u kont issibhom iżejnu t-twieqi ta' bosta mid-djar f'Malta. Id-dekorazzjonijiet tas-sotterran jisspikkaw għaliex inħadmu b' sengħa kbira u jiriflettu l-ħila ta' min għamilhom meta tqis li kienu inħadmu għall-Villa tal-Gran Mastru Spanjol Juan d'Homedes. Matul iż-żminijiet fl-Isla bosta sotterrani ta' l-istess karattru ġew mirdumha biex servew ta' pedament biex inbnew djar ġodda bħal ma' ġara fis-seklu tmintax.

Kitba interessanti f'wieħed mill-ġurnali lokali fit-taqsima tal-letteratura deher artiklu fejn l-artikolista ikkritika l-konklużjoni bikrija li kienet poġġiet il-kumpless fl-era Rumana. L-artikolista irrimarka illi l-kolonna msemmija m'għandhiex il-karaterisitiċi biex tikwalifika għal waħda Rumana għaliex mhiex ta' stil doriku minħabba li fil-quċċata tagħha m'hemmx l-istruttura rettangulari li tipikament tkun dekorata bi speċi ta' nokkli vertikali, kif Vitruvio sejħilhom *tuscanicum*. Huwa ssokta



*Parti mid-dehra tas-sotterran*

illi kolonna ta' dak it-tip tissejjaħ ta' l-iskallin jew sqallin, naturalment għax kienet komuni ħafna hemmhekk.. Għalkemm l-artikolista ta l-indikażżjonijiet tal-karattru ta' kolonnar Ruman huwa ferm diffiċli li tasal għal ċerti konklużżjonijiet. Kienet prattika kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi oħra illi bosta kolonni kienu reċiklati jiġifieri kien prattiku illi jintużaw kolonni aktar antiki li ma' kellhom l-ebda użu u ntużaw għal strutturi ġodda. Eżempju tipiku huwa dak tal-kappella li hemm fil-Forti Sant'Anġlu li meta sar xi tibdil fiha propju fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann intużat kolonna Rumana. Fil-każ tal-kumpless ta' taħt il-każin wisq probabbli ġara l-istess u meta wieħed jirrifletti jara li r-riċiklaċċ huwa kunċett bikri li wara kollox jiffranka x-xogħol u l-flus, f'kelma waħda għaqal. Għas-saħħa ta' l-argument fit-truf tal-kolonna hemm speċi ta' bażi ftit ċentimetri 'l fuq mill-art jiġifieri l-mudellatura. Hawnhekk l-iskop tal-mudellatura kien biex serva bħala *spacer* fis-sens li peress li l-kolonna kienet iqsar mill-għoli tal-kamra il-mudellatura imliet il-vojt bejn is-saqaf u l-art.

L-għan li l-Ordni għażel l-Isla biex jużha bħala post ta' villeġjatura minbarra għas-sbuħija naturali kien għal raġunijiet ta' loġistika għaliex kienet qrib il-Birgu. Hemmhekk kien hemm il-konċentrazzjoni ta' l-amministrazzjoni u tal-flotta u f'każ t'emerġenza l-Gran Mastru kien jasal malajr in-naħha l-oħra. Il-Villa ta' d'Homedes, li nbniet kontemporanjament mal-famuża Villa Belvedere fl-Italja, hija meqjusa bħala xempju tal-villel u oqsma li nbnew f'Malta aktar tard. L-iskop ewlieni tas-sit kien li jservi ta' rikreazzjoni għal Gran Mastru u għal mistidnin tiegħu, u wara li kien imur idur mal-ġnien enormi kien jippranza u jistrieħ għall-kenn u l-frisk tal-kmamar. Il-Villa kellha għadd ta' kmamar li wħud minnhom imħaffrin fil-blat biex jilqgħu l-mistidnin, jakkomodaw il-familji tas-servjenti u xi kmamar oħrajn li servew bħala uffiċċji ta' xi impjegati. Dan kien l-istil ta' mistrieħ tan-nobbli u l-aristokratiċi fost oħrajn tal-pajjiżi Ewropej. Il-ġeoloġija ta' l-Isla sa' mill-qedem kien fiha ħafna dislivelli f'bosta direzzjonijiet u dan il-fatt għadu evidenti bin-numru relattivament kbir ta' telgħat u turġin imferxin madwar beltna. Maż-żmien kawża ta' l-iżvilupp li xi kultant kien b' ritmu mgħaġġel ħafna, partikularment meta l-fundatur tal-belt ma' kellux sabar biex jaraha tissawwar, il-kumpless intradam u setgħa kien il-każ li dan kien mellej u n-naħha ta' quddiem li kienet tħares lejn il-Birgu kienet mikxufa u n-naħha ta' wara kienet tiġi mal-livell ta' l-art jew ta' xi mgħodija. Inizjalment l-iskop kien li l-istruttura ma' ttellifx mill-veduta panoramika tal-madwar, il-ġnien imżejjen bil-funtani, mimli b' diversi xtieli u fjuri, siġar fosthom taż-żebbuġ, fawna flimkien mal-baħar, għaliex kienet mibnija maqtugħa fil-blat li kien itarraġ. Din il-Villa li oriġinalment kienet loġġa għal kaċċa sa mill-1537 kienet imkenna mill-ġnub tagħha bejn iż-żewġt għoljiet, dik fejn illum insibu l-Bażilka u l-oħra fejn hemm il-knisja tal-Portu Salvu. Il-format tat-terran imtarraġ kien ta' vantaġġ għat-tisqija tax-xtieli għaliex permezz ta' trinek u kanali magħmula mill-ġebel u oħrajn miċ-ċomb imferxin mal-ġnien l-ilma kien jasal f'bosta rkejjen permezz tal-gravita. Il-Villa kienet ta' prestiġju u dominanti għaliex kienet kważi fil-qalba tal-peninsula u l-attivita ewlenija kienet il-mawra tal-Gran Mastru u okkażżjonalment ma' xi mistidnien distinti. Kull żvilupp seħħ 'l barra u madwar il-konfini tal-Villa li jixbaħ liċ-ċrieki tal-mewġ kawżati minn ġebla mitfugħa fil-baħar, però t-toroq il-ġodda dejjem imfasslin f'għamla dritta u bl-iskontri perpendikulari magħhom. Mill-esperjenza miksuba minn din it-tifsila l-Kavallieri adottaw dan l-arraġament għall-belt kapitali u

għaldaqstant l-Isla kienet il-prototip biex jitħejjew il-pjanti għall-Belt Valletta. Minn post kwiet u ta' villeġjatura il-lok inbidel għal wieħed inqas kwiet u urban, fi kliem ieħor inbidel bħal mill-lejl għan-nhar.

Bażikament l-arja ta' taħt il-każin tal-banda ma' xi passaġġi u qtugħ ieħor huwa dak li baqa' mill-Villa tal-Gran Mastru. Oriġinalment il-kumpless kien akbar u maż-żmien waqa' u ntilef, numru kbir ta' siġar ġew maqtugħa għal raġunijiet militari matul l-Assedju ta' l-1565 u aktar tard La Vallette ippreferа li juża' l-Verdala u l-kolp finali waqa' fuq il-villa fit-Tieni Gwerra Dinjija. Kif juru r-rapporti tal-Mużew għas-sena 1949 il-biċċa l-kbira tal-Villa twaqqet fis-seklu dsatax u l-lok ta' bejn Triq il-Vitorja, San Mikiel, Fuq is-Sur u San Ġiljan reġa nbena u inkorpora l-arma ta' l-irħam ta' d'Homedes kif ukoll żewġ sqaqin ġewwa blokk kbir.

L-ewwel Gran Mastru f'Malta, l-Franċiż Philippe Villiers de L' Isle Adam kien bena l-*Casa Magistrale* fuq ix-xaqliba l-oħra lejn l-Għar tas-Sirena u għalhekk tħares lejn il-Forti Sant'Anġlu. Din il-*Casa Magistrale* nbniet skond kunċetti Rinaxximentali billi tinbena villa minflok kastell minħabba raġunijiet legali li setgħu affettwaw il-fewdu tal-Kastell Sant'Anġlu sa miż-żminijiet tal-medjuevu. Il-Kastell Sant'Anġlu għadda f'idejn il-familja nobbli Maltija De Nava li wkoll kellha xi artijiet fl-Isla bi dritt ta' ereditarju li kien konċedut mir-Re ta' Spanja. Mal-wasla ta' l-Ordni f'Malta l-Kastellan Don Alvaro li kien il-kap tal-familja iddeċieda li jċedieh lill-Ordni għall-ħlas ta' 130 uqija fis-sena għal għomru. Qabel il-miġja ta' l-Ordni għal bidu tas-seklu sittax kienet titħallas kera ta' 10 uqijiet fis-sena għall-kiri ta' l-art ta' l-Isla li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala Pietra Longa. Aktar qabel fi tmiem fis-seklu erbgħatax fl-arja ta' Pietra Longa kien jeżisti t-teritorju ta' ċertu Musebi li kien imiss mat-teritorju ta' Belle Barbare u mal-propjeta ta' ċertu Muscat li għaddieha lil Bonifacio Favato u lil eredi tiegħu. Ir-Re ta' Sqallija kien ta xi artijiet lil Nicolao de Amodeo u lil eredi tiegħu u kellhom l-obligu li jaħdmu u jipproduċu l-eqwivalenti ta' 8 tommna raba' fis-sena. Meta l-membri tal-familja de Amodeo mietu t-territorju reġa' għaddha lura għand il-Qorti Rjali u fl-1513 kienet amministrata minn Francesco Grungo. Ix-xorti ħażina messet ukoll lil *Casa Magistrale* għaliex l-ajruplani Ġermaniżi ħarbtuha u llum baqa' biss in-*Nymphaeum,* l-istess eżempju bħal m'hemm fir-rovini ta' Pompej, u d-dekorazzjonijiet imnaqqxa fil-blat f'forma t'arzella. L-awtoritajiet tas-Servizzi Ingliżi stazzjonati f'Malta għarfu u apprezzaw il-ġmiel u l-lokazzjoni tal-Villa u għamlu użu minnha u semmuha Villa Davies.

Nistgħu ngħidu li f'beltna taħt wiċċ l-art hemm "belt" oħra siekta meta wieħed jikkonsidra l-ammont emormi ta' blat li tħaffer u li tqgħatta mal-medda tas-snin. Ma' jfissirx illi għax s' issa qatt ma' nstabu siti arkeoloġiki bikrin dawn ma' jeżistux fl-Isla; min jaf x' jista' jfeġġ fil-futur. L-Ordni ta' San Ġwann minn dejjem ħasbet biex f'Malta jinħażen il-qamħ u fl-Isla taħt Triq il-Vitorja saru fosos relattivament kbar għall-ħażna tal-qamħ. Dawn il-fosos sa ftit żmien ilu kienu għadhom fi stat tajjeb iżda sfortunatament parti mit-triq ta' fuqhom sfrundat u saritilhom xi ħsara. Aċċidenti jiġru kullimkien iżda l-intervent biex jissewwew il-fosos setgħa irrispetta aktar il-valur storiku tagħhom u kien jimmeritħom priorità assoluta. Barra mill-ħażna tal-qamħ l-ilma kien importanti ħafna speċjalment waqt l-assedji u l-Ordni ħadet ħsieb il-kostruzzjoni tal-bjar jew taċ-ċisterni u fit-triq prinċipali ma' Triq San Ġiljan kien tħaffer il-Bir il-Kbir. Insibu wkoll l-Għar tas-Sirena li jingħad li b' mod naturali l-passaġġi jserpu fil-fond tal-blat. Kemm fi żmien l-Ordni kif ukoll fi żmien l-Ingliżi taħt is-swar li jħarsu lejn Kordin tħaffru numru ta' mini għal skopijiet militari u dawn għadhom jeżistu u wħud għadhom jintużaw. Barra minn hekk matul il-gwerra armata ta' baqquniera ħaffru sriebet ta' xelters tista' tgħid taħt l-Isla kollha. Tlifna arkitettua unika li sa ftit snin ilu kienet għadha tfakkarna f'karattru partikulari ta' wħud mid-djar prominenti tal-belt tagħna. Dawn id-djar fi Tiq il-Vitorja kellhom mini taħt l-art li kienu jissbbukkaw fil-blat tal-madwar l-Għar tas-Sirena u permezz tagħhom is-sidien mingħajr ma' joħorġu minn djarhom kienu jitilgħu fuq id-dgħajjes tagħhom.

Għal snin twal dak li baqa' mill-Villa ta' d'Homedes għadu mistur u mbarrat taħt l-arja tal-Każin Queen's Own. Nisperaw li dan is-sit arkeoloġiku u importanti għall-istorja ta' beltna għadu fl-istess kundizzjoni ta' meta ġie skopert madwar nofs seklu ilu. Peress li l-Isla kienet sofriet bosta mill-attakki tat-Tieni Gwerra Dinjija bil-konsegwenza li tlifna ħafna bini antik naħseb li jkun ta' fejda għall-lokal kieku b' kollaborazzjoni ma' min huwa espert f'din ix-xjenza titieħed l-inizjattiva biex dan is-sotterran jingħata l-attenzjoni u sussegwentament jista' jkun ta' benefiċċju f'kull aspett u jitgawdha kemm mis-Sengleani kif ukoll minn dawk kollha li jgħożżu l-partrimonju Malti.

**Referenzi**

Birgu – a Maltese maritime city. Vol. 1, 1993

Bonanno Anthony, Roman Malta. The archaeological hertigage of thje Maltese Islands, 1992

Bosio Jiacomo, Dell' Istoria della Sacra Religione et Illustrissima Militia di S. Giovanni Gerosolimitano Vol. 2 & 3, 1621

Castagna Pietru Pawl, Lis Storja ta Malta bil Gzejjer Tahha, 1888

Mahoney Leonard, A history of Maltese architecture from ancient times up to 1800, 1988